

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2020/1651**tas-6 ta' Novembru 2020****li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/255/PESK tal-31 ta' Mejju 2013 dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja ⁽¹⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 30(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-31 ta' Mejju 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK.
- (2) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni fis-Sirja, u meta jitqiesu l-ħatriet ministerjali reċenti, jenħtieġ li jiżdiedu tmien persuni mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi soġġetti għal miżuri restrittivi fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2013/255/PESK.
- (3) Għaldaqstant jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2013/255/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness I għad-Deċiżjoni 2013/255/PESK huwa emendat kif stipulat fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Novembru 2020.

Għall-Kunsill

Il-President

M. ROTH

⁽¹⁾ ĠU L 147, 1.6.2013, p. 14.

L-entrati li ġejjin jiżiedu mal-lista li tinsab fit-Taqsima A ("Persuni") tal-Anness I għad-Deċiżjoni 2013/255/PESK:

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
"303.	Bassam TOU'MA (magħruf ukoll bħala TU'MA) (بسام طعمة)	Data tat-twelid: 1969 Post tat-twelid: Safita, is-Sirja Sess: Raġel	Ministru għaż-żejt u r-riżorsi minerali. Maħtur f'Awwissu 2020. Bħala Ministru tal-Gvern, iġorr parti mir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti mir-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili.	6.11.2020
304.	Hassan GHABACHE (magħruf ukoll bħala GHOBASH, AL-GHABBASH) (حسن غباشة)	Data tat-twelid: 1971 Post tat-twelid: Damasku, is-Sirja Sess: Raġel	Ministru għas-saħħa. Maħtur f'Awwissu 2020. Bħala Ministru tal-Gvern, iġorr parti mir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti mir-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili.	6.11.2020
305.	Ziyad SABBAGH (زياد صباغ)	Data tat-twelid: 1960 Post tat-twelid: Aleppo, is-Sirja Sess: Raġel	Ministru għall-Industrija. Maħtur f'Awwissu 2020. Bħala Ministru tal-Gvern, iġorr parti mir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti mir-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili.	6.11.2020
306.	Mohammad Hassan QATANA (حسن قطانة)	Post tat-twelid: Damasku, is-Sirja Sess: Raġel	Ministru għall-Agricoltura u r-Riforma agrarja. Maħtur f'Awwissu 2020. Bħala Ministru tal-Gvern, iġorr parti mir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti mir-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili.	6.11.2020
307.	Ghassan ZAMEL (magħruf ukoll bħala AL-ZAMIL, AL-ZAMEL) (غسان زامل)	Data tat-twelid: 1963 Post tat-twelid: Damasku, is-Sirja Sess: Raġel	Ministru għall-Elettriku. Maħtur f'Awwissu 2020. Bħala Ministru tal-Gvern, iġorr parti mir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti mir-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili.	6.11.2020
308.	Mohamad (magħruf ukoll bħala Mohammad) Favez BARCHA (magħruf ukoll bħala BARSHA, AL-BARASHA) (محمد فايز برشة)	Data tat-twelid: 1955 Post tat-twelid: Damasku, is-Sirja Sess: Raġel	Ministru tal-Istat. Maħtur f'Awwissu 2020. Bħala Ministru tal-Gvern, iġorr parti mir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti mir-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili.	6.11.2020
309.	Malloul (magħruf ukoll bħala Maloul) HUSSEIN (magħruf ukoll bħala AL-HUSSEIN) (ملول حسين)	Data tat-twelid: 1950 Post tat-twelid: Provinċja ta' Al-Hasakah, is-Sirja Sess: Raġel	Ministru tal-Istat. Maħtur f'Awwissu 2020. Bħala Ministru tal-Gvern, iġorr parti mir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti mir-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili.	6.11.2020
310.	Mohammad Samir HADDAD (محمد سمير حداد)	Data tat-twelid: 1956 Post tat-twelid: Tartous, is-Sirja Sess: Raġel	Ministru tal-Istat. Maħtur f'Awwissu 2020. Bħala Ministru tal-Gvern, iġorr parti mir-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti mir-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili."	6.11.2020